# Il-Milied



Ferrante

# Ix-Xitwa





Ix-xitwa tibda fil-21 ta' Diċembru. Ftit jiem wara jiġi l-Milied. Fix-xitwa l-ġranet jiqsaru u l-lejl jitwal. Jibda jagħmel ħafna bard u nilbsu ħwejjeġ ħoxnin biex ma niksħux. Ix-xita tizdied u ġieli jkollna xi maltempati.



Ħafna annimali jorqdu raqda twila fix-xitwa. Fost dawn insibu l-ors u l-fekruna. F'dan l-istaġun ma tantx ikun hawn fjuri. Waħda mill-aktar pjanti popolari f'dan iż-żmien hi l-ponsjetta. Din inżejnu biha fil-ġranet tal-Milied. Ix-xitwa tispiċċa fl-20 ta' Marzu. Warajha tiġi r-rebbiegħa.



**Wieġeb fuq il-pitazz**

1. Meta tibda x-xitwa?
2. Liema festa niċċelebraw f'dan l-istaġun?
3. Kif ikun it-temp fix-xitwa?
4. X'nilbsu biex ma nħossux il-bard?
5. X'jagħmlu xi annimali?
6. Meta tispiċċa x-xitwa u liema staġun jiġi warajha?

Ferrante